# Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet introdotta fil-Knisja Kattolika mill-Papa Piju V fl-1571, sena qabel ma miet.. Dan kien sar biex tibqa' mfakkra r-rebħa tal-battalja ta' Lepanto fis-7 ta' Ottubru tal-istess sena.

Il-Papa Piju V kien attribwixxa din ir-rebħa l-aktar għat-talba tar-rużarju u mhux għall-qawwa tal-kanuni u d-determinazzjoni tas-suldati li ġġieldu matulha.

Din il-festa ġiet introdotta b'rispett lejn il-Madonna li dejjem tagħti l-għajnuna tagħha għall-protezzjoni lir-reliġjon b'risposta għat-talba tar-rużarju mill-fidili. Il-prattika li x-xahar ta' Ottubru kollu jiġi ddedikat bħala x-xahar tar-ruzarju żviluppat lejn l-aħħar tas-seklu 20 waqt il-papat ta' Ljun XIII.

Wara dan il-Papa, kien hemm oħrajn li taw spinta lir-rużarju, fosthom il-Papiet Pawlu VI, Pawlu XII u Ġwanni Pawlu II. Dan tal-aħħar kien dejjem jgħid ir-rużarju.

Matul is-snin f'Malta kien hawn diversi kappelli ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju. Insibu wkoll numru sostanzjali ta' altari fil-knejjes filjari tagħna ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju wkoll. Minbarra dawn, insibu wkoll diversi bliet u irħula li fihom hemm il-fratellanzi ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju, b'kollox 77 waħda.

Il-Fratellanza tar-Rużarju f'pajjiżna hi t-tieni l-aktar waħda antika wara dik tas Santissimu Sagrament.



Joe Chetcuti
joechetcuti@onvol.net

## IL-GUDJA



(ritratt: Mark Micallef Perconte)

Fil-Gudja qed tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Din il-festa qed tkun organizzata mis-Soċjetà Filarmonika La Stella flimkien mal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Dal-għodu fit-8 tibda quddiesa li tkun tal-aħħar Sibt u din se tkun bl-omelija fuq l-aħħar Misteru tar-Rużarju. Fis-5.45pm jibda l-kant tal-għasar u fis-6.30pm ikun hemm quddiesa bl-omelija.

Għada, jum il-festa, fis-6.30am tibda quddiesa li tkun bil-kollokkju bil-preżenza tal-fratelli tal-Madonna tar-Rużarju. Fit-8am u fid-9.15am ikun hemm quddies, b'din tal-aħħar tkun kantata solenni tal-festa. Titmexxa mill-Kan. David Cilia. Il-paneġierku se jsir minn Patri Raymond Gatt OP.

Fil-5pm tibda quddiesa. Fis-6.15pm jibda l-għasar u fis-7pm toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju xogħol il-Gudjan Angelo Dalli fl-1922. Waqt il-purċissjoni se jieħdu sehem il-Fratelli tal-Madonna tar-Rużarju tal-parroċċa u l-Fratelli ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi. L-orkestra se titmexxa minn Mro Ray Sciberras.

**Festi ta' barra:** Illejla fid-9 jibda marċ brijuż mill-Banda tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ta' Ħal Luqa u wara l-istess banda se tesegwixxi programm mużikali fil-Pjazza taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Pulis. Wara, l-istess banda tibda marċ minn quddiem il-Każin tas-Soċjetà Filarmonika La Stella. Fid-9pm jibda spettaklu piroketniku minn La Stella Fireworks Factory bl-isem 'Stars of Fire' b'murtali tradizzjonali kif ukoll spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika. F'nofsillejl fi Triq Birmiftuħ jibda l-ispettaklu tal-logħob tannar tal-art mekkanizzat.

Għada, jum il-festa, fil-11am jibda marċ brijuż mill-Banda La Stella tal-Gudja. Fis-6.45pm l-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun tilqa' l-ħruġ tal-purċissjoni b'innijiet fuq il-planċier u wara se tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Jonathan Borg. Fid-9.30pm tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin tal-Banda La Stella.

## IŻ-ŻURRIEQ

Fil-knisja matriċi u arċipretali ta' Santa Katarina VM fiż-Żurrieq għada se tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fil-5.30pm jibda r-rużarju u fis-6pm tibda quddiesa kantata bl-omelija. Wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa u r-relikwija tal-Madonna. Fid-dħul tal-purċissjoni tingħata barka ewkaristika u jsir il-bews tar-relikwija. Jieħu sehem il-kor parrokkjali 'Cantate Domino' mmexxi minn Mro Paul Portelli u l-organista se tkun Fiorella Fenech Vella.

Fis-7pm il-Banda tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina VM taż-Żurrieq se tibda marċ minn Triq ir-Repubblika u wara l-istess banda se tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Josef Grech. Se tieħu sehem is-sopran Catherine Portelli

## ĦAL QORMI

Fil-parroċċa Ġorġjana għada se tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fil-5pm tibda quddiesa konċelebrata bis-sehem tal-fratelli tal-parroċċa. Fis-6pm toħroġ il-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju. Fid-dħul tagħha fil-knisja, jitkanta l-innu 'Lil Ommna Marija Sultana tar-Rużarju', kitba ta' Dun Pawl Genovese u mużika ta' Neville Attard. Wara tingħata barka ewkaristika.

Bħal kull sena, l-Arċikofraternita tal-Madonna tar-Rużarju f'Ħal Qormi se tkompli tagħfas fuq il-ħtieġa tal-Madonna tar-Rużarju. Intant tul Ottubru, wara l-quddiesa tas-6pm jingħad ir-rużarju fil-knisja arċipretali u wara tingħata barka ewkaristika.

## IŻ-ŻEJTUN



Fil-parroċċa taż-Żejtun qed tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Illejla fis-6.30 quddiesa Marjana mmexxija mill-Arċipriet Nicholas Pace bis-sehem tal-kor parrokkjali u tal-fratelli. Matulha ssir il-professjoni tal-fratelli ġodda.

Għada, jum il-festa, fil-5.30pm jibda l-għasar u fis-6pm tibda l-quddiesa tal-festa. Imexxi l-eks Arċipriet Dun Joe Bugeja.

Fis-7pm toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa bis-sehem tal-fratellanzi. Mad-dħul titkanta l-antifona u tingħata barka sagramentali.

## IR-RABAT, MALTA

Fil-knisja ta' San Duminku tal-patrijiet Dumnikani fir-Rabat.

Il-vara tal-Madonna tar-Rużarju hi xogħol Melchiorre Gafà. Din ġiet ikkuppjata jew ispirat statwarji oħrajn, fosthom meta saru l-istatwa tal-Karmnu tal-Belt Valletta u anki tar-Rużarju taż-Żejtun u hemm oħrajn.

Illejla fis-6pm jibda r-rużarju u fis-6.30pm ikun hemm quddiesa mill-Isqof Awżiljarju Joe Galea Curmi. Janima l-quddiesa l-kor 'Vox Dulcis Chorale'.

Għada, jum il-festa, il-ħin tal-quddies se jkun fis-7am, fit-8.30am, fl-10am u fil-11.15am, din tal-aħħar bl-Ingliż.

Fil-5.30pm quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Pirjol Christopher Caruana OP. Fis-7pm toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u ta' San Duminku. Mad-dħul tingħata barka ewkaristika.

## IL-MOSTA

Fis-santwarju bażilika tal-Mosta qed issir il-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Għada, jum il-festa, fil-5.30pm ikun hemm quddiesa kantata bil-prietka u wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa. Fid-dħul tingħata barka ewkaristika.

## IL-BIRGU

Fil-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu qed tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Illejla fis-6pm jibda r-rużarju, translazzjoni solenni u wara tibda quddiesa bl-omelija. Wara jitkantaw l-Innu u l-antifona u tingħata barka ewkaristika.

Għada, jum il-festa, fis-5.15pm jibda l-għasar u wara tibda konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċisqof Emeritu Paul Cremona OP.

Wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u ta' San Duminku. Fid-dħul tal-purċissjoni titkanta l-antifona u tingħata barka ewkaristika.

## MARSAXLOKK



Għada fil-parroċċa ta' Marsaxlokk qed tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

F'jum il-festa, il-ħin tal-quddies se jkun fis-6.30am, fid-9.30am u fil-11am u waqt din il-quddiesa tingħad is-supplika tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-5.30pm tibda quddiesa solenni mmexxija min-Nunzju Appostoliku Alessandro D'Errico bis-sehem tal-orkestra Diacono. Fi tmiem il-quddiesa toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei li ddur tul Xatt is-Sajjieda. Fid-dħul tal-purċissjoni titkanta l-antifona 'Beata Mater' u tingħata barka ewkaristika.

## ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Fil-parroċċa ta' San Filep, għada l-Ħadd se tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Għada fis-6.30pm tibda quddiesa solenni bil-prietka u wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa. Fid-dħul tal-purċissjoni tingħata barka ewkaristika.